**7 ta' April, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

F.X. Borg Furniture Limited

*versus*

Sandro Galea

**Preskrizzjoni - Interruzzjoni - Artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili - Ġurament Deċiżorju**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ġiet akkolta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u miċħuda t-talba attriċi għal kundanna ħlas.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Diċembru, 1996 liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:

Rat l-avviż ippreżentat mill-attur fil-25 ta' Lulju, 1996 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jħallas s-somma ta' Lm970 ammont minnu dovut fuq bejgħ u konsenja a' merkanzija. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 30 ta' Mejju, 1996 u bl-imgħax mid-data tal-konsenja contra l-konvenut li hu mħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa preliminarjament li l-pretensjoni tas-soċjetà attriċi hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija mibjugħa u kkonsenjata oġġett ta' din il-kawża ma kinitx tal-kwalità pattwita;

Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, il-merkanzija ġiet ikkonsenjata *tardivament*;

Illi, subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, it-talba għall-ħlas ta' imgħax mid-data tal-konsenja hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma kienx hemm ebda ftehim dwar l-ewwel eċċezzjoni mqajma mill-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi f'din l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut qed *jinvoka favur tiegħu l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar bħala* ostakolu għall-attur biex iressaq il-pretensjoni tiegħu;

Irriżulta mill-provi li l-konvenut kien għamel ordni mad-ditta attriċi għal kamra tas-sodda bil-prezz ta' Lm1,471 li minnhom il-konvenut ħallas akkont ta' Lm501 ma' l-ordni, bil-kondizzjoni li l-bilanċ jitħallas mal-konsenja li kellha ssir f'Jannar jew Frar, 1993;

Id-ditta attriċi kkonsenjat l-għamara f'April jew Mejju 1993 u l-konvenut mal-ewwel induna li kien fiha xi difetti bħal mera mtebba u kxaxen li ma jidħlux sew u għalhekk irrifjuta li

*jħallas il-bilanċ. Wara ħafna ilmenti l-ħaddiema tas-soċjetà* attriċi ġew sabiex jaffettwaw xi tiswija iżda dawn xorta ma kinux sodisfaċenti għax ma sarux skond l-arti u s-sengħa u l-*konvenut kompla jirrifjuta li jħallas;*

Fit-30 ta' Mejju, 1996, saret ittra uffiċjali sabiex il-konvenut iħallas il-bilanċ u meta dan baqa' ma ħallasx saret din il-kawża fejn issa l-konvenut qed ipoġġi l-ostakolu tal-*preskrizzjoni għall-azzjoni attriċi;*

Ikkunsidrat:

Għal dak li hu t-terminu jekk il-Qorti tieħu x-xahar ta' Mejju, 1994, bħala dik operattiva għal komputazzjoni tat-tmintax-il xahar sad-data ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Mejju, 1996, allura l-konvenut għandu raġun fl-eċċezzjoni tiegħu. Tibqa' biss il-kwistjoni jekk saritx xi forma oħra ta' interruzzjoni jew rinunzja da parti tal-konvenut;

*Irriżulta mill-provi li l-unika att li seta' sar sabiex jiġi* nterrott il-perijodu preskrittiv kien l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Mejju, 1996 li però kien tardiv;

Għal dik li hi r-rinunzja huwa minnu li l-konvenut kien jaf x'kienu l-kondizzjonijiet tan-negozju li kellu jħallas mal-konsenja, però mill-bidu nett irrifjuta li jagħmel dan sakemm id-ditta attriċi ssewwi l-ħsarat fl-għamara. Ma rriżultax x'diskors għadda bejn il-partijiet iżda żgur li ma jistax jingħad li ġie ppruvat xi forma ta' rinunzja. Fil-kawża **Clo Micallef vs Eng. John Belle Mc Cance** ***noe*** (Vol. XXV, pt. I, p. 101), il-Qorti qalet li għal preskrizzjoni għandha tiġi ppruvata b'mod ċar u konkludenti u ma tistax tiġi ammessa meta hija bbażata fuq atti u fatti li ma kinux univoċi u jistgħu jagħtu lok għal interpretazzjonijiet *diversi*";

Tibqa' għalhekk iċ-ċaħda tal-konvenut li hu għandu jagħti xi flus lid-ditta attriċi;

Fil-kawża **Cost. Balzan** *et vs* **Clo. Chetcuti** *et* (Vol. XXXIV, pt. I, p. 329) *il-Qorti ta' l-Appell qalet li:* "*il-ġurisprudenza tagħna ma għadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bbażati fuq il-presunzjoni tal-pagamenti, għax il-ġurament li l-eċċipjenti jiġi msejjaħ jieħu mhux dak li hu ħallas, iżda li mhux debitu, għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni brevi hija kompatibbli ma' eċċezzjonijiet oħra li jwasslu għall-konsegwenza li l-eċċipjent mhux debitur*";

Fix-xhieda tiegħu, il-konvenut għamilha ċara li ma kellu jagħti xejn lid-ditta attriċi u għalhekk din iċ-ċaħda abbinata mal-perkors taż-żmien statutorju jagħmlu l-azzjoni attriċi preskritta;

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċidi illi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiddikjara l-azzjoni tad-ditta attriċi preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili;

U konsegwentement tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha";

Minn din is-sentenza appellat is-soċjetà attriċi li talbet ir-revoka tas-sentenza appellata;

L-appellant iħossu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti skond hu ma nkwadratx tajjeb u fit-termini tal-liġi l-impostazzjoni u l-konsegwenza ta' hemm imsejjaħ *guramento decisorio*. Skond l-appellant mhux minnu li l-liġi titlob sempliċement li wieħed jiddikjara żewġ ħwejjeġ biss biex il-preskrizzjoni tiġi milqugħa

u ċjoè illi huwa għamel il-pagament, f'kelma oħra ħallas id-debiti u fit-tieni lok li ma jiftakarx fid-debitu;

Skond l-appellanti l-konvenut fix-xhieda tiegħu qatt ma stqarr li ħallas jew li ma jafx bid-debitu. Anzi huwa qal li jaf li kien għad fadal bilanċ imma ma jridx iħallsu għax l-għamara kellha xi difett. Huwa ammetta li ma ħallas xejn mill-bilanċ dovut;

In sostenn ta' l-aggravju tiegħu l-appellanti għamel referenza anke għal xi awturi in tema ta' preskrizzjoni brevi u għal xi ġurisprudenza li però fil-fehma ta' din il-Qorti ftit li xejn jista' *jkollhom relevanza għaliex hija taqbel ma' dak illi qalet l-*Ewwel Qorti fis-sentenza appellata in tema legali. Dana apparti dak li hemm ikkonstatat ukoll fis-sentenza appellata fir-rigward tal-ġurament li ppresta l-konvenut fit-terminu tal-liġi u ċjoè illi huwa ma għandu jagħti xejn lis-soċjetà attriċi appellanti. Inoltre, ma jidhirx li jista' jingħad xejn fir-rigward tal-kwistjoni jekk kien hemm interruzzjoni jew le u għalhekk din il-Qorti ma jibqgħalhiex ħaġa oħra ħlief illi tgħaddi biex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kif effettivament qiegħda tagħmel;

L-appell għalhekk qed jiġi respint, is-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata fl-intier tagħha bl-ispejjeż ta' din l-istanza a *kariku ta' l-appellanti.*